MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2284/2004

**Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

**Vs**

**Peter Paul Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-Awtorita' attrici talbet il-hlas ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) rapprezentanti arretrati dovuti mill-konvenut fil-hlas ta' licenzja ta' garaxx ta' servizz pubbliku ghall-perjodu 2002 - 2004.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li t-talba ta' l-Awtorita' attrici hija eccessiva peress li l-arretrati dovuti ghall-perjodu 2002 - 2004 huma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300).
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ Carmel Abela ghall-Awtorita’ attrici fejn jikkonferma li l-konvenut ghandu jaghti mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) fis-sena. Jghid illi ghalkemm l-Awtorita’ attrici baghtet lill-konvenut diversi ittri, dan qatt m’avvicina lill-Awtorita’ attrici sabiex jikkontesta l-ammont.

Ra xhieda ohra ta’ Carmel Abela fejn jikkonferma li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut. Jghid illi l-*annual fee* ta’ l-imsemmi garaxx kien gie stabbilit mit-trade fl-2001. L-i*statement* johrog ikkompjuterizzat - “managed by MITTS”.

Abela ma jistax jghid jekk ir-rata ta’ San Pawl il-Bahar u r-rata ta’ Bugibba humiex l-istess.

Jerga’ jikkonferma li r-rati skond il-lokalita’ huma stabbiliti bil-ligi.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li dawn l-ahhar erba’ snin ma hallasx minhabba li fl-istess triq fejn ghandu l-garaxx hu, hemm xi hadd iehor u jhallas rata hafna inqas minnu. Jghid illi huwa qatt ma hallas mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Il-konvenut jghid illi kien mar ikellem lill-Awtorita’ attrici dwar ir-rati u c-Chairman kien urih li San Pawl il-Bahar hemm xi garaxxijiet li jhallsu xi mitt lira Maltin (Lm100) jew mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fis-sena.

Jikkonferma li qatt ma wiegeb lill-Awtorita’ attrici meta rcieva l-ittri minghandhom.

Ra illi l-konvenut ammetta li ghandu jaghti l-ammont ghall-perjodu 2002 - 2004 lill-Awtorita’ attrici.

Ra li x-xhieda ta’ l-attur hija konvincenti.

Illi l-fatt li hemm nies li jhallsu inqas ma jfissirx li l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenut. Il-konvenut ma jistax jippretendi li jircievi l-kontijiet, ma jaghmel xejn u jkompli jokkupa fond minghajr ma jhallas.

Ghaldaqstant jilqa’ t-talba ta’ l-Awtorita’ attrici u jordna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) rapprezentanti l-ammont dovut ghall-uzu ta’ *public service garage* ghall-perjodu 2002 - 2004. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------